MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1312/2000/1

**Capua Palace Limited**

**vs**

**Jose' Buttigieg u b'verbal tas-16 ta' Jannar, 2001 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' BUPA Agencies Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Settembru, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm653.59) rapprezentanti ammont dovut ghal diversi servizzi medici u akkomodazzjoni prestati lilu kif jidher mill-annessa fattura Dok 'A', liema somma huwa gie inutilment interpellat sabiex ihallas;
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-artikoli 1141(1)

tal-Kodici Civili, u bir-riserva ta' kull dritt fil-Ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jose' Buttigieg fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut minnu personali izda kienet dovuta li tithallas mis-socjeta' *BUPA Agencies Limited* li maghha kellu polza ta' assikurazzjoni fuq is-sahha tieghu li kienet vigenti u operattiva.
2. Illi ghalhekk huwa l-kaz li s-socjeta' *BUPA Agencies Limited* tigi kjamata fil-kawza de quo.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Jannar, 2001 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' *BUPA Agencies Limited*.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata fil-kawza *BUPA Agencies Limited* fejn eccepiet:

Illi l-eccipjenti ma ghandhiex tghati l-ammont mitlub peress illi l-kondizzjoni medika li taghha l-konvenut inghata kura mis-socjeta' attrici, kienet pre-ezistenti ghal hrug tal-Polza tal-assikurazzjoni u ghalhekk din il-kura ma kienetx koperta mill-polza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut ghamel zmien rikoverat fl-isptar Capua Palace bejn it-3 ta' Marzu, 1999 u t-12 ta' Marzu, 1999 u bejn id-19 ta' Marzu, 1999 u t-30 ta' Marzu, 1999. Il-konvenut gie fatturat ghal dawn il-mawriet. Saru xi pagamenti fejn fadal bilanc dovut lis-socjeta' attrici ta' sitt mija tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm653.59). Il-quantum mhux qieghed jigi

kkontestat la mill-konvenut u lanqas mis-socjeta' kjamata fil-kawza. Il-vertenza bejn il-partijiet tirrisali ghal assikurazzjoni tal-konvenut li qed jallega illi dak iz-zmien huwa kien assikurat mas-socjeta' *BUPA Agencies Limited* illi kienet fid-dover skond il-polza ta' assikurazzjoni, illi hija thallas ghat-trattament mediku li huwa rcieva fl-isptar gestit mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' BUPA filwaqt illi mhix qed tikkontesta illi l-konvenut kien assikurat maghha qieghda tghid illi huwa kellu storja ta' attakk tal-qalb illi tmur lura sal-1990 u ghalhekk minhabba "*non disclosure"* s-socjeta' BUPA ma kienetx tenuta thallas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici.

Il-konvenut a fol 45 spjega x'wassal biex ircieva t-trattament ghand is-socjeta' attrici u nnega bl-aktar mod kategoriku illi huwa kellu xi storja ta' mard fil-qalb, aktar u aktar xi operazzjoni li saret fil-1990.

Raymond Micallef a fol 73 r-rapprezentant tal-BUPA qal illi wara nvestigazzjonijiet li ghamlu, huma sabu illi l-konvenut kellu storja ta' problemi ta' qalb fl-1990 u rah il-Professur Fenech. Dak iz-zmien f'Malta kien hawn il-Professur Frederick Fenech jopera fuq dawn it-tip ta' pazjenti, ghalhekk dehrilhom illi kien hemm kaz ta' "*non disclosure"* u konsegwentement ma onorawx it-talba tal-konvenut illi jhallsu ghal mawra tieghu fl-isptar Capua. Fost affarijiet ohra Raymond Micallef a fol 75 ighid *"ahna sirna nafu li l-konvenut ghamel intervent iehor St Luke's wara li rajna d-dokument immarkat JB 16 a fol 66A tal-process."* Mhux car jekk Raymond Micallef qed jirreferi ghat-tieni ntervent jew dak tal-1990. Fi kwalunkwe kaz, id-dokument huwa datat 17 ta' Awissu 1999, hames xhur wara illi l-konvenut hareg mill-isptar Capua, mentri l-istess Micallef qed jaghmel referenza ghal xi storja li saret fl-1990. Jekk verament il-konvenut kellu din l-istorja, kien allura kompitu tas-socjeta' kjamata fil-kawza illi ggib il-provi kollha illi ghandha f'idejha biex turi lill-Qorti illi hija ghandha ragun biex ma tonerax it-talba tal-konvenut. Minn dan kollu s-socjeta' kjamata fil-kawza ma ghamlet xejn u qaghdet biss fuq ix-xhieda ta' Raymond Micallef fejn qal illi rrizultalu illi l-konvenut kellu dawn il-problemi.

Min jallega jrid jipprova, u f'dan il-kaz il-Qorti ma jidhirlhiex illi s-socjeta' kjamata fil-kawza lahqet dak il-grad ta' prova necessarju ghas-success ta' l-eccezzjoni taghha. Jekk verament kien hemm kaz ta' *"non disclosure"* li huwa kaz serju hafna ghal fini ta' l-assikurazzjoni, jmissha gabet il-provi kollha li ghandha f'idejha biex turi li hija kienet verament gustifikata ma tonerax it-talba tal-konvenut.

Min nahha l-ohra mid-dokumenti esebiti mill-konvenut, ma jirrizultax illi kellu xi ntervent kirurgiku fl-1990. Jekk is-socjeta' kjamata fil-kawza qieghda toqghod fuq dawn id-dokumenti, allura verament m'ghandhiex ragun ma tonerax it-talba tal-konvenut, peress illi minn dawn id-dokumenti kif inghad, ma hemm xejn x'jindika illi l-konvenut kellu xi problemi fl-1990.

Jidher ukoll mid-dokumenti illi s-socjeta' kjamata fil-kawza kienet inkarigat lit-Tabib Dennis Soler sabiex jara l-*history sheet* tal-konvenut. Presubilment it-Tabib Soler ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lis-socjeta' kjamata fil-kawza li allura kienet fl-obbligu li turi dawn ir-rakkomandazzjonijiet biex tiggustifika n-nuqqas ta' pagament minn naha taghha. Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali u nuqqas ta' provi minn naha tas-socjeta' kjamata fil-kawza, l-Qorti jidhrilha illi ladarba l-konvenut kien assikurat maghha biex ikopri nterventi kirurgici tat-tip illi gie sottomess ghalihom fil-perjodu msemmi mis-socjeta' attrici, allura hija ghandha tonera l-obbligazzjonijiet taghha u mhux toqghod fuq semplici assunzjonijiet minghajr ma ggib il-provi biex tissustanza r-rifjut taghha. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-ammont reklamat fl-avviz ghandu jkun mhallas mis-socjeta' kjamata fil-kawza *BUPA Agencies Limited.*

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u filwaqt li tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lis-socjeta' kjamata fil-kawza *BUPA Agencies Limited* li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u hamsin

centezmu (Lm653.59) rapprezentanti ammont dovut ghal diversi servizzi medici u akkomodazzjoni pprestati lill-konvenut Jose’ Buttigieg liema somma trid tithallas tramite polza ta’ l-assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-socjeta’ kjamata fil-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra s-socjeta’ *BUPA Agencies Limited.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------